# GEW SABBRUNI

*Ta'* Anthony Piscopo

MA tafx taghder, ma tafx tahfer; ma thares lejn wiċċ hadd; kienet dahlet f'dari u serqitli 'l marti li tant kont inhobb.

Kienet mara mżejna b'kull ġmiel b'manieri sbieh li kienu jġagħlu 'l kulhadd ihobbha. F'erbat ijiem hakmitha marda qasira, imma kiefra, li wasslitha f'xifer il-qabar.

Iddisprat, hadtha kontra Alla li hadhieli hekk fl-ahjar jiem ta' hajjitha. Hsibt li hajti, mogħtija fil-vizzjijiet, stajt ngħix ahjar u hekk f'din il-hajja nsejt kull dmir li kien baqagħli nwettaq lejja u lejn ibni.

Insejt kemm ħliftilha 'l marti fuq is-sodda tal-mewt tagħha meta qaltli biex nieħu ħsieb Joe u rrabbih fil-biża' t'Alla, imma ħajti, mogħtija fil-ħajja moqżieża, ma ħallitlix ħin biex nikkoreġi 'l ibni li kien iddakkar minni u għex l-istess ħajja tiegħi.

L-aħħar jum fil-ħajja tiegħi mgħargħar fil-ħażen, kien wasal f'jum il-Ġimgħa l-Kbira.

Kienu t-tlieta ta' wara nofs in-nhar ta' dan il-jum waqt li d-dinja Kattolika tkun qiegħda tfakkar l-Akbar Traġedja, jien kont qiegħed nikser wieħed mill-kmandamenti li Alla ta lil Mosè biex igħaddihom lilna.

Dik il-lejla, meta ġejt biex norqod, fija ħassejt xi ħaġa mhux komuni, intbaht x'ħajja kont għaddej fiha u kemm f'dak il-jum fhimt sewwa l-missjoni li għaliha l-Iben t'Alla ġie fid-dinja.

Niedem u sogħbien minn dnubieti, bkejt ħajti l-imgħoddija u quddiem il-Kruċifiss u Ommu l-Imqaddsa Marija wegħedt li bi tpattija għal dak li kont għamilt f'dak il-jum, jien kull nhar ta' Ġimgħa mit-tlieta ta' wara nofs in-nhar ninġabar f'kamarti u hemmhekk intemm dak il-jum nimmedita dak li għadda minnu l-Iben t'Alla fil-passjoni ħarxa li bata minħabba fina.

Ġimgħa wara oħra, għaddew is-snin u jien bqajt inżomm u nwettaq il-wegħda li kont għamilt.

Ġimgħa minnhom waqt li bħas-soltu kont f'kamarti nwettaq dak li wegħedt, is-seftura ħabbtitli u tatni l-aħbar li ibni safa korrut u miet ftit wara. Dak il-jum bqajt hemm ġew nimmedita quddiem il-Kruċifiss x'responsabbiltà kbira kelli jekk 'l ibni bgħattu Quddiemu mgħargħar fil-ħażen ħtija tiegħi.

L-għada filgħodu n-nies ma qatgħet xejn ġejja ssabbarni għat-telfa t'ibni. Ma nafx min ġie u ma ġiex, imma niftakar kienet ġiet mara b'ġuvni magħha li impressjonawni għall-mod kif sabbruni, tant li minn dak il-ħin ħassejt faraġ hekk kbir li l-biża' li ibni ntilef fl-eternità kien marli għal kollox.

Il-Ġimgħa kienet waslet u bħal qabel dħalt f'kamarti nkompli l-wegħda. Jien u nimmedita, ilmaħt fil-Kruċifiss u f'Ommu l-Imqaddsa Marija, iż-żewġ Persunaġġi li kienu ġew isabbruni l-għada tal-mewt t'ibni.

U meta tkellimt fuq hekk ma' Patri tassew tar-ruħ, kien qalli: Kristu u Ommu apprezzaw is-sagrifiċċju tiegħek u b'xi mod riedu jpattuhulek!